# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 516**

**It-Tnejn 23 ta' Settembru, 2019**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.20 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech - Kunsillier
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Ghislaine Bongailas - Kunsilliera
Angelo Scicluna - Kunsillier
Angel Gwyn Louiselle Camilleri - Kunsilliera
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Joseph Vella - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**516.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

516.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Vella fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Vella jkun skużat.

**516.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

516.2.1 Il-minuti tal-515 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sinjorina Ghislaine Bongailas li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku.

**516.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

516.3.1 Is-Sindku tkellem dwar il-korrispondenza mibgħuta dwar il-European Destination of Excellence (EDEN) Award for Health and Wellbeing Tourism u qal illi l-premju EDEN hija għotja ta' rikonoxximent. Is-Sindku qal illi r-rebbieħa u l-erba' runners-up ser jiġu mħabbra matul iċ-ċerimonja tal-premjazzjoni nazzjonali u wara l-għażla tar-rebbieħa ser isir reklamar f'rivista speċjalizzata għall-promozzjoni tas-Saħħa ta' Malta u tat-turiżmu għall-benesseri fil-gżejjer Maltin. L-erba' lokalitajiet ser jiġu inklużi wkoll f'fuljett li ser jitqassam lill-operaturi waqt avvenimenti turistiċi. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jinnomina lill-Għaqda Pellegrinaġġ Muturi u Roti għal din l-award.

516.3.2 Is-Sindku rrefera għat-tilqima kontra l-influwenza u qal illi bħalissa l-Kunsill kien għaddej bil-proċess ta' reġistrazzjoni tan-nies sabiex jinkitbu għal din it-tilqima. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsillier, is-Sur Joseph Vella, kien ser jieħu ħsieb li jipprovdi s-servizz ta' nurses professjonali sabiex jagħtu din it-tilqima.

516.3.3 Is-Sindku qal illi waqt laqgħa mal-kumpanija Goto Malta flimkien ma' uffiċjal minn Transport Malta, ġiet diskussa l-possibilità li jiżdiedu iktar spazji ta' parkeġġ riservati għall-karozzi tal-Goto f'dawn it-toroq: żewġ spazji f'Misraħ il-Qalbiena Maltin fil-viċinanzi ta' Triq il-Fewdu, spazju fi Triq Villabate kantuniera ma' Triq Sant' Antnin u spazju ieħor fi Triq Villabate bejn Triq l-Istellarju u Triq Dun Ġwann Debono. Is-Sindku żied jgħid li skont informazzjoni tal-kumpanija Goto Malta, f'Ħaż-Żabbar kien hemm żieda ta' persuni li rreġistraw biex jużaw dan is-servizz.

516.3.4 Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex ma jitnaqqrux iżjed spazji ta' parkeġġ f'żoni fejn preżentament diġa hemm problema ta' parkeġġ.

516.3.5 Il-Viċi Sindku talbet sabiex minflok isiru żewġ spazji ta' parkeġġ riservat għal Goto Malta f'Misraħ il-Qalbiena Maltin, isir spazju ta' parkeġġ wieħed u t-tieni spazju ta' parkeġġ isir fiż-żona ta' Buleben iż-Żgħir. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mil-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li

jsir spazju ta' parkeġġ f'Misraħ il-Qalbiena Maltin u spazju ta' parkeġġ ieħor fi Triq il-Pellegrinaġġ tar-Roti fiż-żona ta' Buleben iż-Żgħir.

516.3.6 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li ma jilqax it-talba sabiex jiġi riservat spazju ta' parkeġġ għall-vetturi tal-Goto fi Triq Villabate kantuniera ma' Triq Sant' Antnin. Is-Sinjura Anna Calleja ssuġġeriet li minflok isir spazju ta' parkeġġ riservat fi Triq il-Farfett tal-Fejġel fuq wara ta' Ġnien il-Mistrieħ. Is-Sur Joseph Agius issekonda l-proposta tas-Sinjura Anna Calleja u l-Kunsill qabel unanimament.

516.3.7 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jsir spazju riservat għall-vetturi tal-Goto fi Triq Villabate bejn Triq l-Istellarju u Triq Dun Ġwann Debono.

516.3.8 Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-ħtieġa li ssir bankina fi Triq Villabate fil-viċinanzi ta' Triq San Ġużepp.

516.3.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi Transport Malta kienet ser twaħħal madwar 150 *charging pillars* madwar Malta u qal illi f'Ħaż-Żabbar kien hemm il-ħsieb li jiġu mwaħħla madwar għaxar *charging pillars*. Is-Sindku żied jgħid illi kien konxju li kienu ser jitnaqqru iżjed spazji ta' parkeġġ iżda qal li meta tqis kollox, is-sistema għandha l-vantaġġi tagħha u l-Kunsill kien ser ikun pro attiv favur l-ambjent.

516.3.10 Is-Sur Mark Grech qal illi fil-prinċipju l-Kunsill għandu jaqbel li jiġu mwaħħla numru ta' *charging pillars* mal-lokalità sabiex b'hekk jiżdied in-numru ta' sidien ta' karozzi elettriċi f'Ħaż-Żabbar. Is-Sur Mark Grech talab sabiex il-Kunsill iġib informazzjoni minn Transport Malta dwar kemm hemm sidien Żabbarin li għandhom vettura tal-elettriku kif ukoll f'liema toroq joqgħodu dawn is-sidien, sabiex b'hekk uħud mic-charging pillars jeħlu fil-viċinanzi ta' dawn it-toroq.

516.3.11 Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex issir *charging pillar* fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa minflok ic-*charging pillar* li hemm fi Triq tal-Labour minħabba problema ta' parkeġġ.

516.3.12 Il-Viċi Sindku ssuġġeriet li ssir *charging pillar* għall-karozzi elettriċi f'kull żona f'Ħaż-Żabbar. Dan sabiex ir-residenti ma jkollhomx għalfejn jimxu fit-tul sakemm isibu *charging pillar*.

516.3.13 Is-Sindku ppropona li jsiru *charging pillars* f'dawn il-postijiet: Pjazza San Nikola, żona tal-Plier, f'Misraħ is-Sliem u fil-viċinanzi ta' Bieb is-Sultan. Is-Sindku żied jgħid li l-Gvern Ċentrali għandu viżjoni li sat-2020 il-karozzi elettriċi jiżdiedu għal 5,000.

516.3.14 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li jinforma lil Transport Malta sabiex jitwaħħlu madwar għaxar *charging pillars* madwar Ħaż-Żabbar.

516.3.15 Is-Sindku ssuġerixxa sabiex is-Sur Alan Paul Mizzi jibda jieħu ħsieb il-paġna uffiċjali tal-Kunsill fuq il-midja soċjali. Is-Sur Mark Grech qal illi s-Sur Gordon Pace tal-Y Limited kien ilu s-snin jieħu ħsieb il-paġna uffiċjali tal-Kunsill u talab lis-Sindku jispjega il-għaliex kien ser iqabbad lis-Sur Mizzi.

516.3.16 Il-Viċi Sindku staqsiet min kien qed jirrispondi l-ilmenti li jidħlu permezz tal-paġna tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-istaff tal-Kunsill kien jieħu ħsieb li jirrispondi dawn l-ilmenti.

516.3.17 Is-Sur Mark Grech qal illi ma kienx jaqbel li s-Sur Gordon Pace jitwaqqaf milli jieħu ħsieb il-paġna uffiċjali tal-Kunsill u żied jgħid li xi ħaġa bħal din għandha tiġi deċiża waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Is-Sur Grech talab sabiex jinġiebu kwotazzjoni bil-proposti taż-żewġ kumpaniji sabiex b'hekk tkun tista tittieħed deċiżjoni fil-laqgħa li jmiss. Is-Sur Angelo Scicluna ssekonda l-proposta tas-Sur Mark Grech u l-Kunsill qabel unanimament li jinġiebu l-kwotazzjonijiet mingħand iż-żewġ kumpaniji.

516.3.18 Il-Viċi Sindku qalet li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kienet talbet sabiex jiġi maħtur Kunsillier responsabbli mill-midja soċjali u żiedet tgħid li waqt l-aħħar laqgħa s-Sindku kien ressaq din il-korrispondenza għall-attenzjoni tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li waqt l-aħħar laqgħa s-Sindku kien irrefera għall-korrispondenza tal-Assoċjazzjoni iżda fl-ebda ħin ma ġiet diskussa.

516.3.19 Is-Sindku rrefera għaċ-ċirkolari numru AKL 2019/106 dwar seminar għall-provvediment ta' żvilupp u mplimentazzjoni ta' strateġiji kulturali għall-Kunsilli Lokali u Kunsilli Reġjonali u qal illi kien talab lis-Sur Joseph Vella sabiex jattendi għal dan is-seminar peress illi kien il-Kunsillier responsabbli mill-kultura.

516.3.20 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Amanda Savona dwar The Bubble Festival u talab lis-Sur Angelo Scicluna u lis-Sinjura Anna Calleja sabiex jagħmlu komunikat mas-Sinjura Savona.

516.3.21 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri preżenti illi matul ix-xahar t'Ottubru kien ser jibda l-kors ta' tagħlim tal-Ingliż tal-Life Long Learning.

516.3.22 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien applika għall-fondi tal-Unjoni Ewropeja taħt l-iskema WiFi4EU. Din l-inizjattiva tippromovi aċċess miftuħ u mingħajr ħlas sabiex ir-resident ikun jista' juża l-faċilità tal-WiFi fi spazji miftuħa, libreriji u pjazez fil-lokalità. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien eliġibbli li japplika għal voucher li jammonta għal €15,000 sabiex tingħata għajnuna finanzjarja u jiġi nstallat l-apparat tal-WiFi fi spazji pubbliċi.

516.3.23 Is-Sindku ppropona li ssir talba lil Transport Malta sabiex issir *zebra crossing* fi Triq l-Ordni ta' San Ġwann bejn Triq Espeditu Catania u Triq Bormla.

516.3.24 Fuq proposta tas-Sur Angelo Scicluna li ġiet isssekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jiġi organizzat footbal tournament ma' St Patrick FC bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill, liema spiża m'għandhiex taqbeż is-somma ta' €1,000 VAT inkluż.

516.3.25 Is-Sindku rrefera għall-attività Pink October u nforma lill-Kunsill illi fil-15 t'Ottubru 2019 il-Marigold Foundation kienet ser iżżur il-lokalità ta' Ħaż-Żabbar.

516.3.26 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi waqt laqgħa mal-Eċċellenza Marie-Louise Coleiro Preca, President Emeritus ta' Malta, ġiet diskussa l-possibilità li l-proġett ta' tisbiħ f' Misraħ San Nikola jiġi mmirat għat-tfal u għaż-żgħażagħ. Is-Sindku żied jgħid li dan il-proġett ser isir bl-għajnuna tal-Eċċellenza Marie-Louise Coleiro Preca, President Emeritus ta' Malta, The Malta Trust Foundation u l-Fondazzjoni ta' Malta għall-Ġid tas-Soċjetà, il-Ministeru tal-Enerġija u l-Immaniġjar ta' Ilma, il-Ministeru tal-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent, u t-Tibdil fil-Klima u l-Ministeru tat-Trasport u l-Proġetti Infrastrutturali. Dan l-ispazju fil-qalba tal-komunità ser ikun imfassal sabiex intejbu s-saħħa fiżika u mentali tat-tfal, it-tfal ikollhom aċċess għal spazju fejn jistgħu jiltaqgħu, jitgħallmu b'mod informali u jilgħabu, kif ukoll sabiex it-tfal u l-komunità jitrawmu fl-għarfien favur l-inklużjoni, l-integrazzjoni u l-valuri ta' rispett, ugwaljanza u paċi. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-proġett ta' tisbiħ f'Misraħ San Nikola isir bil-kollaborazzjoni ta' The Malta Foundation for the Wellbeing of Society.

516.3.27 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mis-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ fejn intalbet il-kollaborazzjoni tal-Kunsill sabiex tiġi organizzata attività fi Triq il-Biċċieni fl-okkażjoni ta' Halloween. Is-Sindku qal illi matul il-laqgħa preċedenti l-Kunsill kien qabel unanimament li jorganizza bat walk flimkien mal-Greenhouse Malta abbinata mal-attività ta' Halloween u żied jgħid li huwa kellu l-ħsieb li jorganizza attività fl-okkażjoni ta' Halloween flimkien maż-żewġ każini tal-baned. Peress illi kien ġie avviċinat ukoll mill-Għaqda Mużikali Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel sabiex flimkien tiġi organizzata attività marbuta ma' Halloween, is-Sindku ppropona li l-Kunsill jorganizza attività waħda f'żewġ żoni fil-lokalità fejn fihom jiġu nvoluti iż-żewġ każini. Is-Sur Mark Grech qal illi huwa ma kienx jaqbel mal-proposta tas-Sindku. Is-Sur Grech qal illi l-ideat tal-Kunsill għandhom jingħaqdu mal-ideat tas-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ u tittella attività waħda u dan peress illi l-Għaqda Mużikali Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel kienu għadhom ma bagħtux talba formali lill-Kunsill.

516.3.28 Is-Sindku qal illi l-attività bl-isem Crossroads kienet ta' suċċess peress illi kienet ġiet organizzata flimkien ma' diversi għaqdiet lokali.

516.3.29 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet lis-Sindku jekk il-Kunsill kienx ser jaċċetta li jorganizza l-attività tal-Halloween fi Triq il-Biċċieni flimkien mas-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ. Is-Sindku qal illi meta rċieva t-talba mingħand is-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ permezz ta' telefonata, huwa kien infurmahom li kien ser iressaq it-talba tagħhom lill-Kunsill sabiex b'hekk jinħatar Kumitat relatat mal-attività ta' Halloween. Is-Sindku żied jgħid li wara li kien irċieva din it-telefonata s-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ xandru l-attività ta' Halloween fuq il-midja soċjali u bagħtu t-talba lill-Kunsill permezz ta' email.

516.3.30 Is-Sur Angelo Scicluna qal illi dan l-avveniment kien ittella' fuq is-sit soċjali mis-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ biex b'hekk it-2 ta' Novembru, 2019 tiġi rriservata għal din l-attività.

516.3.31 Is-Sur Joseph Agius talab lill-Kunsill jagħmel laqgħa maż-żewġ każini sabiex jiddiskuti dawn in-nuqqasijiet u sabiex jintalab kalendarju tal-attivitajiet.

516.3.32 Is-Sindku talab sabiex jinħatar kumitat u fih iservu bħala membri il-Kunsillieri s-Sur Joseph Vella, is-Sinjura Ghislaine Bongailas, is-Sindku, rappreżentant mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel u rappreżentant mis-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ sabiex tiġi diskussa l-attività ta' Halloween flimkien mal-għaqdiet.

516.3.33 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsillier is-Sur Joseph Vella kien bagħat email relatata mat-talba tas-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ fejn informa lill-Kunsill, li minn naħa tiegħu, il-Kunsill għandu jaħdem mal-għaqdiet lokali kollha u sostna li jittellgħu attivitajiet kulturali f'Ħaż-Żabbar b'kollaborazzjoni mal-għaqdiet, f'attivitajiet rispettivi li jiġu mtella' tul is-sena.

516.3.34 Is-Sur Mark Grech reġa' talab sabiex il-Kunsill jorganizza l-attività ta' Halloween bil-kollaborazzjoni tas-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ u 'l quddiem jorganizza attività mal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel imma li ma tkunx relatata ma' Halloween.

516.3.35 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fil-leġislaturi tal-Kunsill preċedenti l-attivitajiet kienu jiġu alternati, sena ma' każin u s-sena ta' wara l-istess attività kienet tiġi organizzata mal-każin l-ieħor.

516.3.36 Is-Sur Mark Grech qal illi l-Kunsill għandu jitlob lista t'attivitajiet li jkunu jixtiequ jorganizzaw il-każini.

516.3.37 Fit-7.45 is-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri daħlet għal-laqgħa.

516.3.38 Is-Sindku qal illi diġa kien talab lista tal-attivitajiet lill-każini tal-baned fi żmien il-festa. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill għandu bżonn lista tal-attivitajiet anke

minħabba fini ta' *budget*. Dan peress illi l-Kunsill irid iħalli biżżejjed fondi għall-attivitajiet relatati mal-Milied.

516.3.39 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa x'kien hemm ippjanat għal żmien il-Milied.

516.3.40 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi n-nuqqas kien ġej minn naħa tal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel peress illi ma kinux għamlu talba formali lill-Kunsill.

516.3.41 Is-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri qalet li l-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel kienu għadhom ma bagħtux talba lill-Kunsill peress illi kienu għadhom ma kkonkludewx d-diskussjonijiet dwar din l-attività.

516.3.42 Is-Sur Buttigieg żied jgħid li sal-laqgħa li jmiss il-probabilità hi li ser ikun daħal wisq żmien sabiex isiru l-preparamenti għal din l-attività.

516.3.43 Is-Sindku qal illi l-Kunsill ma jistax iwaqqaf lill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel milli jorganizza attività relatata ma' Halloween.

516.3.44 Il-Viċi Sindku qalet illi l-Kunsill għandu jinvolvi lill-għaqdiet anke meta joħorġu b'ideat minn jheddhom u żiedet tgħid illi l-Kunsill għandu jiltaqa' mal-għaqdiet lokali sabiex isaħħaħ il-komunikazzjoni magħhom. Il-Viċi Sindku qalet ukoll illi l-Kunsill għandu il-għaliex ikun kburi li fil-lokalità hemm il-każini tal-baned attivi ħafna u għalhekk għandu jgħin lill-każini.

516.3.45 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-Kunsill ma jistax jagħti għajnuna finanzjarja lil ebda każin jew għaqda lokali u żiedet tgħid li ħadd ma jista' jagħmel attività ta' divertiment pubbliku jew attività simili oħra f'xi triq fil-lokalità mingħajr il-permess tal-Kunsill Lokali.

516.3.46 Is-Sindku qal illi kien ser ilaqqa' l-għaqdiet lokali li taw sehemhom fil-festa sabiex jiġi diskuss pjan ta' ħidma aħjar għall-festa tas-sena d-dieħla.

516.3.47 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas qalet illi hija kienet lesta li torganizza l-attività tal-batwalk is-sena d-dieħla.

516.3.48 Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza l-attività fi Triq il-Biċċieni bil-kollaborazzjoni tas-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ u l-ispiża relatata ma' din l-attività tkun tammonta għal €1,500 VAT inkluż.

516.3.49 Is-Sindku qal illi l-impjegat is-Sur Grazio Gerada kien ġie trasferit f'lokalità oħra minħabba mġieba ħażina u arroganza li dwarhom kien ġie mwissi kemm il-darba. Is-Sindku żied jgħid li bħalissa x-xogħol ta' manutenzjoni kien qed isir mill-ħaddiema tar-Reġjun Xlokk u miż-żewġ ħaddiema tal-*Community Work Scheme*.

## 516.4 Qari tal-minuti tal-Laqgħa fil-Lokalità

516.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill il-minuti tal-Laqgħa Lokali li saret nhar il-Ħamis, 19 ta' Settembru, 2019.

## 516.5 Pjan ta' Ħidma 2019-2023

516.5.1 Is-Segretarju Eżekuttv ressaq quddiem il-Kunsill il-Pjan ta' Ħidma 2019-2023. Dan il-Pjan ta' Ħidma ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sinjura Angel Gwyn Louiselle Camilleri li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna.

## 516.6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

516.6.1 Fuq proposta tas-Sur Angelo Scicluna li ġiet issekondata mis-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-3 ta' Settembru 2019 u t-23 ta' Settembru 2019 li kienet tammonta għal €30,047.62.

## 516.7 *Mobility Week 2019 Grants and Competition*

516.7.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ġie l-ewwel post u rebaħ il-premju tal-Mobility Week 2019. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien ser jingħata għajnuna finanzjarja ta' €50,000 sabiex jiġi mplimentat proġett li jippromovi mobilità sostenibbli għar-residenti. Dan il-proġett propost jinkludi biex uħud mit-toroq fil-madwar l-iskejjel primarji fi ħdan il-Kulleġġ Santa Margerita, jingħalqu għat-traffiku b'barriers awtomatiċi kif ukoll bil-bollards tal-ħadid. Dan ikun jista' jipprovdi ambjent aktar sikur għat-tfal matul il-ħinijiet ta' dħul u ħruġ mill-iskola.

## 516.8 Xogħol ta' tisbiħ fil-latrina pubblika

516.8.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-latrina pubblika li hemm fil-viċinanzi tal-għassa tal-Pulizija kienet ingħalqet temporanjament peress illi kien hemm problema fil-katusi tad-drenaġġ. Is-Sindku qal illi kien talab l-għajnuna tal-Onorevoli Joe Mizzi sabiex din il-ħsara tissewwa mill-Ministeru għall-Enerġija u l-Immaniġjar tal-Ilma. Is-Sindku żied jgħid illi kien talab sabiex minflok issir trinka f'nofs ta' triq, ix-xogħol tal-katusi jgħaddi minn taħt il-bankina.

516.8.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienu tpoġġew żewġ *mobile toilets* sakemm tissewwa l-ħsara fis-sistema tad-drenaġġ.

516.8.3 Is-Sindku ppropona sabiex isir xogħol ta' manutenzjoni, tisbieħ u aċċessibilità għall-persuni bi bżonnijiet speċjali fil-latrina pubblika u jsiru diversi xogħlijiet, li jinkludu fost oħrajn, tibdil tal-madum, aċċessorji ġodda, bibien tat-toilets u manutenzjoni fis-saqaf. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jsir xogħol ta' tisbiħ fil-latrina

pubblika u japplika għall-fondi biex dan il-proġett jiġi ffinanzjat mid-*Development Funds tal-Planning Authority*.

**516.9 Ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv – Skala 13**

516.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta r-rapport tal-Interviewing Board dwar l-intervisti li kienu saru għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv Skala 13 mal-Kunsill. Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ikkonkluda li ħadd mill-persuni li applikaw għal din il-vakanza ma hu eliġibbli għal din il-kariga u għaldaqstant irrakkomanda li ssir talba lil Jobs Plus biex jitkompla l-proċess billi jiġu intervistati kandidati eleġibbli li qegħdin jirreġistraw taħt Part 1, Part 2 u Part 3 mal-korporazzjoni. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li ssir din it-talba.

516.9.2 Is-Sur Mark Grech ġibed l-attenzjoni tas-Sindku li kien qed isir il-ħin u li kienu qed joqorbu id-disgħa ta' filgħaxija.

516.9.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-laqgħat qatt m'għandhom jaqbżu t-tliet (3) siegħat, sakemm mhux maqbul mod ieħor b'mod unanimu.

**516.10 Ħatra ta' *contracts manager***

516.10.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li dan l-item jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

**516.11 Deċiżjoni /Aġġudikazzjoni ta' offerti**
Servizz ta' *Works Manager/Project Co-ordinator* (ZLC 4/2016)

516.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-kuntratt ZLC 4/2016 għal servizz ta' *works manager – project co-ordinator* li l-Kunsill għandu mal-Perit William Lewis kien ser jiskadi, u billi dan il-kuntratt ma jistax jiġi mġedded trid tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti għal dan is-servizz. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti.

Servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts* (ZLC 4/2019)

516.11.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi kien hemm tlett offerti għas-servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts* (ZLC 4/2019) u ġew evalwati mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni għall-Offerti. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kumitat ta' Evalwazzjoni rrakkomanda li l-Kunsill jagħżel l-aktar offerta vantaġġjuża li kienet mingħand is-Sur Christopher Bonello għall-prezz ta' €26,900 eskluż il-VAT. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni u talab li jitkompla l-proċess

sabiex din id-deċiżjoni tiġi komunikata lill-offerenti nvoluti permezz tal-*Electronic Public Procurement System*.

- Ġbir ta' skart domestiku (ZLC 5/2019)

516.11.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi kien hemm tlett offerti għas-servizz ta' ġbir ta' skart domestiku (ZLC 5/2019) u ġew evalwati mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni għall-Offerti. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kumitat ta' Evalwazzjoni rrakkomanda li l-Kunsill jagħżel l-aktar offerta vantaġġjuża li kienet mingħand is-Sur Saviour Mifsud għall-prezz ta' €138,944 eskluż il-VAT. Fuq proposta tas-Sinjorina Ghislaine Bongailas li ġiet issekondata mis-Sur Patrick Barbara, il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni u talab li jitkompla l-proċess sabiex din id-deċiżjoni tiġi komunikata lill-offerenti nvoluti permezz tal-*Electronic Public Procurement System*.

- Servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani (ZLC 7/2019)

516.11.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi Bord ta' Evalwazzjoni kien għadu ma kkonkludiex l-evalwazzjoni tal-offerti.

**516.12 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

516.12.1 Il-Viċi Sindku staqsiet meta kien ser jinbeda x-xogħol ta' manutenzjoni tal-bankini. Is-Sindku qal illi kien għadu qed jiġbor l-informazzjoni.

516.12.2 Fid-8.55 ta' filgħaxija s-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri talbet li tkun skużata.

516.12.3 Is-Sindku qal illi l-Kunsill ġie mitlub sabiex flimkien ma' delegazzjoni Żabbarija iżur Furci ġewwa Sqallija sabiex jieħu sehem f'laqgħa teknika ma' sitt pajjiżi oħra Ewropej bit-tema 'L-Irwol tal-Lokalitajiet Reġjonali fl-Ewropa'. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li d-delegazzjoni Żabbarija tkun magħmula mis-Sindku, is-Sur Pierre Pisani mill-Ministeru għall-Enerġija u l-Ilma, is-Sur Emron John Vella mill-Ministeru għat-Turiżmu, is-Sur Marco Cassar u s-Sur Brian Farrugia.

**516.13 Mozzjonijiet**

516.13.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**516.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

516.14.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 24 t'Ottubru, 2019 fis-6.00 ta' filgħaxija.

516.14.2 Il-laqgħa spiċċat fid-9.05 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-517 laqgħa li saret nhar il-Ħamis 24 t'Ottubru, 2019.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku